IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.7.2017
COM(2017) 374 final

2017/0156 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Turkija fir-rigward tal-emendar tal-Protokoll 2 tad-Deċiżjoni Nru 1/98 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija dwar is-sistema ta' kummerċ għal prodotti agrikoli

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Ir-relazzjonijiet kummerċjali bilaterali bejn l-UE u t-Turkija li jirrigwardaw il-prodotti agrikoli u tas-sajd huma rregolati permezz tal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija tat-12 ta' Settembru 1963 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim"), u b'mod partikolari permezz tad-Deċiżjoni Nru 1/98 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija tal-25 ta' Frar 1998 dwar is-sistema ta' kummerċ għal prodotti agrikoli. Skont din id-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, l-Unjoni ngħatat ċerti konċessjonijiet fil-forma ta' kwoti tariffarji għal-laħam tal-bovini. Bħalissa ż-żewġ kwoti għal-laħam tal-bovini jikkonsistu minn kwota ta' 5 000 tunnellata ta' laħam iffriżat tal-bovini u minn kwota ta' 14 100 tunnellata ta' laħam iffriżat tal-bovini.

Minn meta ddaħħlet fis-seħħ id-Deċiżjoni Nru 1/98 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, l-esportazzjoni ta' laħam tal-bovini u ta' annimali ħajjin mill-UE bdiet tieħu xejra inkonsistenti, filwaqt li t-Turkija pprojbixxiet tali esportazzjonijiet għal perjodi twal ta' żmien. Sabiex tiffaċilita l-użu sħiħ tal-kwoti u biex jinkiseb fluss regolari ta' kummerċ f'dawn il-prodotti, it-Turkija pproponiet li testendi l-kopertura ta' żewġ kwoti għal-laħam tal-bovini għal-laħam frisk u mkessaħ tal-bovini.

Din l-emenda hija fl-interess tal-Unjoni, billi twessa' l-kopertura tal-prodotti mill-konċessjonijiet eżistenti, tirrispondi aħjar għad-domanda tas-suq fit-Turkija u tiżgura kemm użu aħjar tal-kwoti kif ukoll, b'riżultat ta' dan, flussi regolari ta' kummerċ. Barra minn hekk, il-laħam frisk u mkessaħ tal-bovini ġeneralment jikseb prezz ogħla fis-suq. L-objettiv usa' fuq medda twila ta' żmien ta' din l-emenda huwa li jiġi żgurat li l-kummerċ li jsir skont il-kwoti jseħħ b'mod regolari u mingħajr restrizzjonijiet.

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Il-proposta se twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-prodotti ta' laħam tal-bovini li huma eliġibbli għall-esportazzjoni lejn it-Turkija skont iż-żewġ kwoti, bl-għan li l-esportazzjoni ta' laħam tal-bovini lejn it-Turkija tiġi faċilitata.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika

Il-proposta hija konsistenti mal-politika kummerċjali tal-Unjoni immirata lejn iż-żieda ta' opportunitajiet ta' kummerċ ma' pajjiżi terzi.

• Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni

Il-proposta hija konsistenti mal-politika tal-Unjoni mmirata lejn il-promozzjoni tal-kummerċ bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi u mal-prinċipju li l-Unjoni Ewropea għandha tinkoraġġixxi l-iżvilupp tal-kummerċ, inkluż permezz tal-abolizzjoni b'mod progressiv tar-restrizzjonijiet fuq il-kummerċ internazzjonali. Il-proposta għandha l-għan li ttejjeb u li tiffaċilita l-kummerċ fi prodotti tal-laħam tal-bovini bejn l-Unjoni u t-Turkija.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Il-bażi ġuridika għad-Deċiżjoni tal-Kunsill hija l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 35 tal-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija.

- **Sussidjarjetà**

Il-politika kummerċjali komuni hija inkluża fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) bħala wieħed mill-oqsma ta' kompetenza esklussiva tal-Unjoni. Din l-inizjattiva tikkonċerna l-implimentazzjoni ta' ftehim ta' kummerċ eżistenti.

- **Proporzjonalità**

Ġew ikkunsidrati l-għażliet ta' politika kollha raġonevoli u l-proposta hija meqjusa bħala l-aktar waħda xierqa għall-ilħiq tal-għan iddikjarat.

- **Għażla tal-istrument**

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Turkija li temenda l-Protokoll 2 tad-Deċiżjoni Nru 1/98 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija dwar is-sistema ta' kummerċ għal prodotti agrikoli.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-Kummissjoni wettqet konsultazzjonijiet informali mal-partijiet ikkonċernati u mal-Istati Membri li wrew appoġġ għall-proposta li l-kopertura ta' prodotti tiġi estiża skont il-kwoti eżistenti.

- **Ġbir u użu ta' għarfien espert**

Il-Kummissjoni kkomunikat mal-partijiet ikkonċernati li ppreżentaw il-fehmiet tagħhom dwar is-sitwazzjoni tas-suq fit-Turkija.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Ma saritx valutazzjoni tal-impatt għaliex huwa previst li l-proposta se tgħin biex il-kummerċ mat-Turkija fi prodotti tal-laħam tal-bovini jiżdied u jittejjeb, b'mod li jkun jista' jittieħed vantaġġ mill-preferenzi kummerċjali bilaterali eżistenti. Il-proposta ma taffettwax l-importazzjonijiet lejn l-Unjoni u ma tagħti l-ebda konċessjonijiet kummerċjali ġodda lil pajjiżi terzi.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Permezz tat-twessigħ tal-kopertura tal-prodotti, il-proposta tista' tgħin lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju biex jesportaw prodotti tal-laħam tal-bovini lejn it-Turkija. Se jkun hemm varjetà akbar ta' prodotti eliġibbli bħala parti mill-kwoti, u dan se jiffaċilita l-użu b'mod sħiħ tal-kwoti u tal-esportazzjonijiet li dejjem qed jiżdiedu.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma taffettwax id-drittijiet fundamentali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT

Din il-proposta mhu se jkollha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Unjoni.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Il-Kummissjoni se timmonitorja l-flussi kummerċjali sabiex tevalwa jekk il-proposta tkunx żgurat li jkun hemm użu aħjar tal-kwoti eżistenti u biex jiġi żgurat li l-esportazzjonijiet ta' laħam bovin lejn it-Turkija ma jiġux imfixkla.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Mhux applikabbli.

2017/0156 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Turkija fir-rigward tal-emendar tal-Protokoll 2 tad-Deċiżjoni Nru 1/98 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija dwar is-sistema ta' kummerċ għal prodotti agrikoli

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija[1] għandu l-għan li jippromwovi t-tisħiħ kontinwu u ekwilibrat tar-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi bejn l-Unjoni u t-Turkija u jistabbilixxi Kunsill ta' Assoċjazzjoni biex jiġu żgurati l-applikazzjoni u l-iżvilupp b'mod progressiv tal-Assoċjazzjoni.

(2) Id-Deċiżjoni Nru 1/98 tal-Kunsill ta' Assoċazzjoni KE-Turkija[2] tistabbilixxi s-sistema ta' kummerċ għal prodotti agrikoli. Il-Protokoll 2 ta' dik id-Deċiżjoni jinkludi dettalji dwar is-sistema preferenzjali applikabbli għall-importazzjoni lejn it-Turkija ta' prodotti agrikoli li joriġinaw mill-Unjoni, inkluża sistema preferenzjali għall-importazzjoni ta' laħam iffriżat tal-bovini.

(3) L-Unjoni u t-Turkija wettqu konsultazzjonijiet u qablu li jemendaw is-sistema preferenzjali applikabbli għall-importazzjoni lejn it-Turkija ta' prodotti agrikoli li joriġinaw mill-Unjoni, u li jestendu l-kamp ta' applikazzjoni tal-kwoti tariffarji eżistenti stabbiliti fl-Anness tal-Protokoll 2 tad-Deċiżjoni Nru 1/98 għal-laħam frisk u mkessaħ tal-bovini.

(4) Skont l-Artikolu 35 tal-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija[3], il-kamp ta' applikazzjoni tat-trattament preferenzjali li l-Unjoni u t-Turkija jagħtu lil xulxin b'mod reċiproku jista' jiġi emendat b'Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni.

---

1 Il-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija, li ġie ffirmat f'Ankara fit-12 ta' Settembru 1963 (ĠU 217, 29.12.1964, p. 3687).

2 Id-Deċiżjoni Nru 1/98 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija tal-25 ta' Frar 1998 dwar is-sistema ta' kummerċ għal prodotti agrikoli (98/223/KE) (ĠU L 86, 20.3.1998, p. 1).

3 Il-Protokoll addizzjonali u protokoll finanzjarju, iffirmati fit-23 ta' Novembru 1970, annessi mal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija dwar il-miżuri li għandhom jiġu adottati għad-dħul fis-seħħ tiegħu, u b'mod partikolari l-Artikolu 35 tiegħu (ĠU L 293, 29.12.1972, p. 3).

(5) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Turkija għandha għaldaqstant tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

(6) Billi d-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni se temenda l-ftehim, huwa xieraq li din tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara l-adozzjoni tagħha.

(7) Fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, l-Unjoni għandha tiġi rappreżentata mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 17(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Turkija fir-rigward tal-emendar tal-Protokoll 2 tad-Deċiżjoni Nru 1/98 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija dwar is-sistema ta' kummerċ għal prodotti agrikoli għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Turkija mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Wara li tiġi adottata, id-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President